2026/342

11.2.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/342

tal-10 ta' Frar 2026

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1), l-Artikolu 232(1), il-punt (b) u l-Artikolu 232(3), il-punt (b) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-pajjiżi terzi jew it-territorji kkonċernati jkunu elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni b'żewġ tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI, highly pathogenic avian influenza) fil-pollam, fiż-żona amministrattiva ta' Scottish borders, fl-Iskozja, u fil-kontea ta' Suffolk, fl-Ingilterra, li ġew ikkonfermati fl-24 ta' Jannar 2026 u fit-30 ta' Jannar 2026, rispettivament, b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(6) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni b'disa' tifqigħat ġodda tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Colorado, Georgia, Indiana, Iowa, Kansas, Maryland, u Pennsylvania, li ġew ikkonfermati bejn is-26 ta' Jannar 2026 u t-2 ta' Frar 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(7) Wara dawk it-tifqigħat reċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti stabbilew żoni ristretti ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(8) Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom u l-miżuri li ħadu biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(9) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, jenħtieġ li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat ġodda f'dawk il-pajjiżi terzi, biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu d-dati meta ġew ikkonfermati t-tifqigħat. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq l-entrati għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fit-tabelli stabbiliti fil-Parti 1, it-Taqsima B u fil-Parti 2 tal-Anness V, u fit-tabella stabbilita fil-Parti 1, it-Taqsima B tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(10) Barra minn hekk, il-Kanada u r-Renju Unit pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom fir-rigward tat-tifqigħat preċedenti tal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, kif stabbilit fit-tabella fil-Parti 1, it-Taqsima B tal-Anness V u fit-tabella fil-Parti 1, it-Taqsima B tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(11) Fit-12 ta' Jannar 2026 u fis-26 ta' Jannar 2026, il-Kanada ssottomettiet informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħadet fir-rigward ta' tliet tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-provinċji ta' British Columbia u Ontario, li ġew ikkonfermati bejn it-13 ta' Ottubru 2025 u l-14 ta' Novembru 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(12) Fit-30 ta' Jannar 2026 u fit-2 ta' Frar 2026, ir-Renju Unit issottometta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħa fir-rigward ta' ħames tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-kontej ta' Cheshire, Lincolnshire, Norfolk, South Yorkshire, u Suffolk, fl-Ingilterra, li ġew ikkonfermati bejn it-13 ta' Ottubru 2025 u d-19 ta' Novembru 2025, permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Il-Kanada u r-Renju Unit informaw lill-Kummissjoni li, wara dawk it-tifqigħat preċedenti tal-HPAI, implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u lestew it-tindif u d-diżinfezzjoni meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettati.

(14) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Kanada u mir-Renju Unit, u jidhrilha li dawn taw garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li kienet wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa fl-Unjoni miż-żoni affettwati, kif stabbilit fit-tabella fil-Parti 1, it-Taqsima B tal-Anness V, u fit-tabella fil-Parti 1, it-Taqsima B tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni affettwati tal-Kanada u tar-Renju Unit li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada u għar-Renju Unit f'dawk it-tabelli f'dawk l-Annessi jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(15) Filwaqt li jitqiesu t-tifqigħat il-ġodda tal-HPAI fir-Renju Unit, u fl-Istati Uniti, u biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada u mar-Renju Unit, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'mod urġenti.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.283 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** il-Kanada	CA-2.283	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		13.10.2025	1.2.2026";

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.294 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** il-Kanada	CA-2.294	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		22.10.2025	1.2.2026";

(iii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.309 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** il-Kanada	CA-2.309	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		14.11.2025	5.2.2026";

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.394 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.394	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		13.10.2025	27.1.2026";

(v) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.417 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.417	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		7.11.2025	2.2.2026";

(vi) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.423 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.423	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		13.11.2025	2.2.2026";

(vii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.425 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.425	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		16.11.2025	2.2.2026";

(viii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.427 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.427	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		19.11.2025	28.1.2026";

(ix) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żoni GB-2.464 u GB-2.465 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.463:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.464	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		24.1.2026	
	GB-2.465		N, P1		30.1.2026";	

(x) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1247 sa US-2.1255 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1246:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1247	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		26.1.2026	
	US-2.1248		N, P1		28.1.2026	
	US-2.1249		N, P1		2.2.2026	
	US-2.1250		N, P1		2.2.2026	
	US-2.1251		N, P1		29.1.2026	
	US-2.1252		N, P1		30.1.2026	
	US-2.1253		N, P1		30.1.2026	
	US-2.1254		N, P1		30.1.2026	
	US-2.1255		N, P1		2.2.2026";	

(b) il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni GB-2.464 u GB-2.465 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.463:

"Ir-Renju Unit	GB-2.464	near Penicuik, Scottish Borders, Scotland, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates N55.77 and Long: W3.22
	GB-2.465	near Needham Market, Mid Suffolk, Suffolk, GB the area contained with a circle of a radius of 10 km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N52.17 and Long: E1.15";

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.1247 sa US-2.1255 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.1246:

"L-Istati Uniti	US-2.1247	State of Indiana LaGrange 69 LaGrange County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 85.5952827°W 41.6436425°N
	US-2.1248	State of Pennsylvania Lancaster 50 Lancaster County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 76.5348091°W 40.1838192°N)
	US-2.1249	State of Pennsylvania Philadelphia 04 Philadelphia County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 75.1247519°W 40.1026354°N)
	US-2.1250	State of Pennsylvania Philadelphia 05 Philadelphia County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 75.1016330°W 40.0761106°N)
	US-2.1251	State of Iowa Kossuth 05 Kossuth County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.2239944°W 43.3722927°N)
	US-2.1252	State of Colorado Weld 18 Weld County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 104.7826251°W 40.3075312°N)
	US-2.1253	State of Kansas Grant 02 Grant County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 101.3876540°W 37.6303224°N)
	US-2.1254	State of Maryland Caroline 04 Caroline County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 75.7427915°W 39.0606474°N)
	US-2.1255	State of Georgia Hart 01 Hart County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 83.0729239°W 34.4894637°N)";

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.283 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** il-Kanada	CA-2.283	POU, RAT	N, P1		13.10.2025	1.2.2026
		GBM	P1		13.10.2025	1.2.2026";

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.294 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** il-Kanada	CA-2.294	POU, RAT	N, P1		22.10.2025	1.2.2026
		GBM	P1		22.10.2025	1.2.2026";

(c) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.309 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** il-Kanada	CA-2.309	POU, RAT	N, P1		14.11.2025	5.2.2026
		GBM	P1		14.11.2025	5.2.2026";

(d) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.394 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.394	POU, RAT	N, P1		13.10.2025	27.1.2026
		GBM	P1		13.10.2025	27.1.2026";

(e) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.417 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.417	POU, RAT	N, P1		7.11.2025	2.2.2026
		GBM	P1		7.11.2025	2.2.2026";

(f) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.423 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.423	POU, RAT	N, P1		13.11.2025	2.2.2026
		GBM	P1		13.11.2025	2.2.2026";

(g) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.425 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.425	POU, RAT	N, P1		16.11.2025	2.2.2026
		GBM	P1		16.11.2025	2.2.2026";

(h) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.427 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.427	POU, RAT	N, P1		19.11.2025	28.1.2026
		GBM	P1		19.11.2025	28.1.2026";

(i) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.464 u GB-2.465 jiżdiedu wara r-ringieli għaż-żona GB-2.463:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.464	POU, RAT	N, P1		24.1.2026	
		GBM	P1		24.1.2026	
	GB-2.465	POU, RAT	N, P1		30.1.2026	
		GBM	P1		30.1.2026".	

(j) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1247 sa US-2.1255 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1246:

“**US** l-Istati Uniti	US-2.1247	POU, RAT	N, P1		26.1.2026	
		GBM	P1		26.1.2026	
	US-2.1248	POU, RAT	N, P1		28.1.2026	
		GBM	P1		28.1.2026	
	US-2.1249	POU, RAT	N, P1		2.2.2026	
		GBM	P1		2.2.2026	
	US-2.1250	POU, RAT	N, P1		2.2.2026	
		GBM	P1		2.2.2026	
	US-2.1251	POU, RAT	N, P1		29.1.2026	
		GBM	P1		29.1.2026	
	US-2.1252	POU, RAT	N, P1		30.1.2026	
		GBM	P1		30.1.2026	
	US-2.1253	POU, RAT	N, P1		30.1.2026	
		GBM	P1		30.1.2026	
	US-2.1254	POU, RAT	N, P1		30.1.2026	
		GBM	P1		30.1.2026	
	US-2.1255	POU, RAT	N, P1		2.2.2026	
		GBM	P1		2.2.2026”.	